MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 203/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Mark Brincat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Mark Brincat talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Mejju, 1998 u matul ix-xhur immedjatement precedenti dik id-data, gewwa r-residenza tieghu (**1**) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *cannabis* kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101; (**2**) talli fl-istess granet, lok, hin u cirkostanzi kkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur ta' l-Artikolu 8(c) tal-istess Kapitolu; u aktar (**3**) importa jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (*cannabis*) f'dawn il-Gzejjer;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Angelo Mark Brincat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu disa (9) xhur prigunerija u multa ta' hames mitt lira (Lm500); dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, li gie nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Angelo Mark Brincat, minnu ppresentat fis-17 ta' Settembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell huwa limitat ghall-piena. L-appellant jippretendi li l-piena kienet harxa wisq tenut kont tal-fatt li kullma nibtu xtieli fil-laboratorju tax-xjenza forensika miz-zerriegha li nstabet ghandu kienu tlett ixtieli (oltre dik il-wahda li nstabet fil-kontenitur tal-*Brylcream*). Jghid ukoll li l-*cannabis* kienet ghall-uzu personali tieghu u li kkopera mal-pulizija. Din il-Qorti, pero`, tosserva li mill-kumpless tal-provi jidher li l-appellant kien lest sabiex ikabbar diversi xtieli – kellu biss biss tmintax-il qasira diga lesta (ara l-atti tal-*proces verbal* u b'mod partikolari r-ritratti hemm ezibiti). Apparti minn hekk, il-koltivazzjoni anke ta' pjanta wahda biss tammonta ghal "tarffikar" (ara d-definizzjoni fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101); u, <u>fiz-zmien meta l-appellant jghid li huwa importa z-zerriegha f'Malta</u> (ara l-istqarrija tieghu lill-pulizija, fol. 19) l-importazzjoni anke ghall-uzu personali ta' dak li jkun kienet tammonta wkoll ghal traffikar. Thares kif thares lejh, dana l-appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------